...NMENT AND PLANN... REVIEW TRIBUNAL
26 MAR 2020
...ORIAN...

Illum, 20 ta' Marzu 2020

FIT-TRIBUNAL TA' REVIŻJONITAL-AMBJENT U L-IPPJANAR

| | |
|---|---|
| **Case Number:** | PA/09923/19 |
| **Location of Development:** | 22, 20, Triq l-Imnarja c/w, Triq Florence Nightingale, Birzebbuga |
| **Description of Works:** | Construction of room at first floor level, lowering of existing garage floor, construction of small internal pool |
| **Applicant:** | Mr Joseph Borg |

**RIKORS TAL-APPELL**Carmelo Bugeja (K.I. nru. 50355(M)) bħala *objector*għall-permess suċċitat.

Jesponu bir-rispett ILLI:

1. Fis-26 ta' Frar 2020, ġie ippublikat il-permess approvat skont dok. 51a.

2. L-appellant, Carmelo Bugeja qiegħed jinterponidan l-umli appell mid-deċiżjoni surriferita.

3. Qabel xejn għandu jingħad li l-permess *de quo*jissanzjona tlett tipi ta' żviluppi:-

    a. Il-bini ta' kamra addizzjonali f'livell terran;
    b. It-tbaxxija tal-paviment tal-garaxx eżistenti;
    c. Il-kostruzzjoni ta' pixxina żgħira fuq ġewwa.

4. L-aggravji prinċipali tal-appellant isegwu tlett binarji:-

   a. Il-permess *de quo* jonqos milli jinkombi obbligi speċifiki fuq l-applikant, rigward l-effett li l-iżvilupp tal-i*swimmingpool* sejjer ihalli fuq il-proprjetà tal-appellant. Tali obbligazzjonijiet kienu jkunu ferm kruċjali meta wiehed iqis l-impatt li tali struttura jista' jkollha, speċjalment meta din ma tiġix sanzjonata skruplużament.

   b. Il-permess imsemmi jonqos milli jinkombi kundizzjoni li ssegwi l-parametri tal-artikolu 439 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta – tali kundizzjoni hija ta' ċertu portata speċjalment fid-dawl li tali permess qiegħed jissanzjonat-tbaxxija tal-paviment tal-garaxx tal-applikant.

   c. Il-permess, kif maħruġ sejjer joħloq preġudizzju ġenerali għall-appellant, fejn *interalia* sejjer joħloq ukoll kwistjonijiet ta' privatezza.

**GĦALDAQSTANT**, l-applikant appellant qiegħed umilment jitlob lit-Tribunal sabiex:

1. Jilqa' l-appell, u jħassar il-permess PA/09923/19;

2. Jagħti dawk l-ordnijiet neċessarji skont il-każ.

Avukat Mary Rose Micallef
maryrose@abalegal.eu.
8, Victoria Building, First
Floor, 8, Triq l-Għoniof
Naxxar.